# Purċissjonijiet Mitlufa

kitba tal-Kav. Stanley MANGION



Il-purċissjonijiet huma espressjoni ta' fidi u ta' twemmin tagħna l-insara. Kull purċissjoni jew ġilwa li ssir hi għemil ta' devozzjoni għax tul il-purċissjonijiet kollha nitolbu u nfaħħru lill-Mulej, sid tal-ħajja tagħna. Għalhekk il-purċissjonijiet huma għożża f'qalbna u għożża lejn il-qaddisin li aħna nfakkru fil-festi tagħhom. Il-purċissjonijiet ifakkruna wkoll fil-ħajja tagħna li hi passaġġ jew mogħdija għall-ħajja oħra bla tmiem. Kristu għażilna biex "inkunu wlied addottivi tiegħu" permezz tal-magħmudija. Il-ħajja tagħna, imsoffija bil-ħasil tal-ilma tal-magħmudija hi ħajja li trid tkompli titqaddes permezz ta' għemejjel qaddisa li nnisslu fina mħabba u spiritwalità.

Il-Knisja, tul il-kalendarju liturġiku tagħha, tiċċelebra ħafna festi li għandhom il-mixja tagħhom il-misteru ta' Kristu. Ħafna festi jħarsu direttament lejn il-ħidma salvifika ta' Kristu - bħalma huma l-Għid il-Kbir u l-Milied, flimkien mal-festa ta' Korpus jew it-Twaqqif tal-Ewkaristija. Festi oħrajn għandhom bħala għajn il-Madonna, dik il-ħlejqa li mhux biss permezz tagħha twettaq il-misteru tal-Inkarnazzjoni, imma fiha wkoll nilħmu lil dik il-mara "mimlija bil-grazzja" miexja wara Ġesù. Imbagħad għandna l-festi tal-qaddisin li dawn ukoll għarfu l-mixja ntima tagħhom wara Ġesù l-Feddej.

Tul l-istorja fi ħdan il-Knisja dejjem insibu r-riforma biex hi dejjem taddatta ruħha maż-żminijiet u l-kulturi differenti tas-soċjetà. Hekk il-purċissjonijiet għaddew minn tibdil devozzjonali li fih insibu li tneħħew purċissjonijiet u daħlu ġilwijiet oħrajn biex il-musmar il-ġdid jagħti post il-qadim u dak li huma drawwiet ġodda jieħdu post drawwiet qodma li l-iskop tagħhom ikun intilef. F'din il-kitba nixtieq nagħti ħarsa ħafifa u mexxejja ta' dawk il-purċissjonijiet li kienu jsiru relattivament sa ftit zmien ilu u anki nagħtu ħarsa lejn purċissjonijiet ġodda li daħlu minflok dawk li twarrbu.

## Sehem il-Fratellanzi fil-Funerali

Il-Fratellanzi kienu jieħdu sehem fil-funerali. Il-qraba tal-mejjet kienu jordnaw is-sehem tal-fratellanzi bl-istandardi. Din id-drawwa tal-fratellanzi fil-funerali baqgħet isseħħ sa fi żmien il-gwerra. Propju kienet il-gwerra li ħasdet din id-drawwa tas-sehem tal-fratellanzi fil-funerali. Il-funerali bdew isiru aktar esperjenza ta' periklu aktar ma bdiet tiħrax il-qilla tat-tieni gwerra dinjija u ma kinitx l-ewwel darba li xi funeral inqabad waqt xi ħbit mill-ajru tal-għadu. Għalhekk biex iħaffu l-mixja u biex inaqqsu dejjem il-perikli l-istandardi waqfu li jieħdu sehem u hekk ħesrem intilfet din d-drawwa.

L-eku ta' din id-drawwa baqgħet fil-funerali tal-qassisin. Meta kien imut xi qassis kienu jieħdu sehem il-fratellanzi kollha, mhux biss bl-akkumpanjament ta' l-istandardi imma wkoll tal-fratelli. Imma sfortunatament din id-drawwa wkoll spiċċat u l-istandardi fil-funerali baqgħu ġewwa u ma ħarġu qatt iżjed. Ir-raġuni eżatta ħadd ma jafha. Jista' jkun li kienet deċiżjoni unilaterali min-naħa tal-mexxejja tal-Knisja u tal-kleru u jista' wkoll kienet in-nuqqas ta' parteċipazzjoni min-naħa tal-fratelli minħabba xogħol ieħor.

Id-drawwa tal-akkumpanjament tal-fratellanzi fil-funerali tmur lura sewwa fl-istorja. Kien Mons. Pietru Duzina li biex ngħidu hekk ippopolarizza t-twaqqif tal-fratellanzi f'Malta. Xi fratellanzi diġà kienu jeżistu f'Malta qabel iż-żjara ta' Mons. Duzina li kien viżitatur appostoliku. Insemmu l-fratellanza ta' San Ġużepp fir-Rabat tal-Imdina li bħala xhiedha hemm dokumenti dwar l-attività ta' din il-fratellanza sa mill-1200. Din il-fratellanza mhux biss għadha mimlija bil-għomor imma għadha wkoll attiva sal-lum, aktar minn qatt qabel. Fratellanza oħra qadima hi dik ta' San Ġużepp fil-Birgu, li llum spiċċat. Fir-Rabat tal-Imdina, fil-knisja Agostinjana ta' San Mark, kienet diġà teżisti l-fratellanza ta' Sant' Anton Abbati, fratellanza li għadha ħajja sal-lum.

Meta Mons. Duzina beda jdur l-irħula Maltin fl-1575, propju għaxar snin wara l-esperjenza ta' l-Assedju l-Kbir, beda jwaqqaf il-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament f'kull parroċċa. L-għanijiet tat-twaqqif ta' din il-fratellanza kienu tnejn. L-ewwel biex jakkumpanjaw lis-Santissimu Sagrament meta kienu jqassmuh lill-morda - purċissjoni li 'l quddiem bdiet tissejjaħ 'il-Vjatiku'. It-tieni għan kien l-akkumpanjament tal-mejtin lejn id-difna tagħhom. Il-fratelli msieħba kienu jilbsu kunfratija bajda biss. 'il quddiem kien hemm evoluzzjoni fit-twaqqif tal-fratellanzi bħas-sehem tagħhom fil-purċissjonijiet. Biss sfortunatament iż-


Mons. Duzina (jew Dusina) li fl-1575 għamel vista pastorali li baqgħet punt ta' referiment għall-istorja ekklesjastika.

żewġ għanijiet li għalihom twaqqfu spiċċaw it-tnejn li huma għax kemm il-Vjatku kif ukoll il-funerali proċessjonali spiċċaw it-tnejn. Biss ma nistgħux nikkonkludu li l-għan tal-fratellanzi spiċċa għax ma l-evoluzzjoni tagħhom tbiddlu wkoll l-għanijiet tat-twaqqif tagħhom maż-żmien.

Kienu jeżistu wkoll standardi tal-fratellanzi li kienu jieħdu sehem fil-funerali. Naturalment dawn ma kienux ta' kwalità fina ħafna. Meta l-fratellanzi kienu jieħdu sehem fil-funerali tal-qassisin kienu jintużaw l-istandardi s-sekondi tal-purċissjoni. Minkejja li għadda tant snin minn fuqhom, dawn l-istandardi tal-funerali ma spiċċawx lanqas, imma għadhom jeżistu u jinsabu merfugħin, tal-anqas hekk qaluli. Għalhekk minn hawnhekk nixtieq nagħmel appell biex jekk dawn l-istandardi tal-funerali ma josfrux u għandhom jibqgħu jintrefgħu biex xi darba narawhom esebiti f'xi mużew tal-knisja, jekk Alla jrid.

## Tberik taċ-Ċimiterju

Għalkemm strettament din ma kinitx ġilwa jew purċissjoni naħseb li xorta waħda taqa' taħt dan il-ġeneru. Il-Knisja tbierek l-oqbra taċ-ċimiterji fl-ewwel Ħadd ta' Novembru, ix-xahar iddedikat lill-mejtin tagħna. Xahar li fih għandna naħsbu u niftakru aktar fl-għeżież tagħna li ħallew qabilna dan il-wied tad-dmugħ. Hi ħaġa ferm sabiħa u qaddisa li noffru talb u suppliki lill-Mulej biex l-erwieħ jissaffew mid-difetti, ġerħiet jew mill-konsegwenzi li jħalli warajh kull għemil ħażin li jsir. Qabel ma jissaffew dawn l-effetti li jħalli warajh kull dnub tagħna, żgħir kemm hu żgħir.

Il-Knisja għadha sal-lum tbierek iċ-ċimiterji. Biss dari kienet titla' purċissjoni mill-knisja li fiha kienu jieħdu sehem il-fratelli u l-istandard tad-Duluri, jiġifieri l-vjola. Wara l-fratellanza kien jimxi s-salib tal-kleru bl-abbatini u s-saċerdoti. L-ewwel kien jitbierek iċ-ċimiterju tal-pesta, li kien pjuttost mitluq u traskurat, imma l-oqbra bil-fdalijiet tal-mejtin kienu hemm. Għalhekk, minkejja li n-nies ftit li xejn kienet tapprezzah, xorta waħda l-Knisja kienet tbierku u titlob għall-mejtin. Illum dan iċ-ċimiterju spiċċa. Il-fdalijiet ġew imneħħija u sar għalqa regolari li tinħadem. L-uniku ħaġa li tfakkarna li kienet ċimiterju hi li jekk fis-sajf tgħaddi timxi minn fejn din l-għalqa tilmaħ xi affarijiet żgħar ileqqu li m'huma xejn ħlief xi fdalijiet ta' fosfru mill-għadam tal-mejtin li tħallat mal-ħamrija.

Wara t-tberik ta' dan iċ-ċimiterju, il-purċissjoni kienet timxi lejn iċ-ċimiterju, li llum nistgħu nsejħulu ewlieni, tal-parroċċa. Meta kien isir id-dfin fil-kennierja taħt il-knisja tagħna, dan iċ-ċimiterju kien l-aktar jintuża biex jindifnu fih persuni li l-kawża tal-mewt tagħhom setgħa kien xi mard li jista' jittieħed jew xi mard ieħor li kien ikkunsidrat bħala perikoluż għas-saħħa tal-komunità. Wara kull tberik kien isir talb speċjali għall-mejtin tagħna. Illum li d-dfin fil-kennierja waqaf b'ordni tal-ministeru tas-saħħa, id-dfin kollu jsir f'dan iċ-ċimiterju li ssa tkabbar u sar aktar spazjuż u miftuħ.

## Il-Purċissjoni tat-Terza

Il-ġilwa tat-Terza kienet purċissjoni li ssir kull it-tielet Ħadd tax-xahar. Għalhekk hi magħrufa bħala 't-Terza'. Kienet purċissjoni bis-Santissimu Sagrament li kienet iddur mad-dawra tal-knisja minn ġewwa. Din kienet issir wara l-quddiesa kantata solenni li fiha kienu jieħdu sehem is-saċerdoti kollha. F'din il-purċissjoni kienet tieħu sehem il-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament biss. L-Ewkaristija kienet iddur proċessjonalment taħt il-baldakkin b'erba' lasti għall-qima u l-adorazzjoni tal-fidili preżenti. Tul din il-ġilwa kien jitkanta t-*Tantum Ergo Sagramentum* li hu Innu Ewkaristiku klassiku miktub minn San Tumas d'Akkwinu, Duttur Dumnikan tal-Knisja Universali. San Tumas kiteb ħafna tagħlim sabiħ fuq l-Ewkaristija fost l-oħrajn fil-kapulavur teoloġiku tiegħu s-*Summa Teologica*.

Meta l-festa ta' Santa Marija kienet taħbat nhar it-tielet Ħadd t'Awwissu, din il-ġilwa tat-Terza kienet issir b'solennità kbira ħafna. Kien jintrama l-baldakkin il-prim b'għaxar lasti u kienet toħroġ barra mill-knisja. Xi minn daqqiet kienet iddur mal-pjazza tal-knisja tal-Mosta. Ġieli wkoll telgħet lejn l-Oratorju Qalb ta' Ġesù u wara tgħaddi għal Triq il-Kungress Ewkaristiku. Dik ta' nhar Santa Marija kienu jieħdu sehem il-Fratellanzi kollha. Bħal f'Korpus Kristi l-qassisin kienu jakkumpanjaw f'din il-purċissjoni liebsin il-pjaneti kollha rrakkmati bid-deheb, u kienet verament għaxqa.


L-aħħar purċissjoni magħrufa bħala 'Tat-Terza' li saret fil-15 t'Awwissu, 1965.

## Il-Madonna tal-Ward

Il-festa tal-Madonna tal-Ward kienet issir fl-aħħar Ħadd ta' Mejju, ix-xahar iddedikat lill-Madonna. Il-karatteristika prinċipali ta' dan ix-xahar hu l-ward u l-fjuri li jżejnu l-ġonna. Il-bdiewa kienu dejjem iħallu dik ir-roqgħa ħamrija biex fiha jkabbru ftit fjuri biex dejjem ikollhom qrib tagħhom ward biex iżejnu x-xbihat qaddisa, forsi l-aktar popolari dik tal-Madonna bil-Bambin u ta' San Ġużepp. Il-qaddisin huma l-maħbubin tagħna li jressqu l-ħtiġijiet tagħna quddiem Ġesù Kristu. Fil-glorja tal-ġenna jitolbu għalina. Il-ward huma l-espressjoni l-aktar nobbli ta' l-imħabba tagħna u l-fwieħa li jarmu hi l-espressjoni ta' l-apprezzament tagħna. Għalhekk din il-festa kienet tant popolari li kienet issir fi kważi l-irħula kollha ta' Malta.

F'din il-purċissjoni, fil-Mosta kienet toħroġ l-istatwa li aħna nsejħulha 'tar-Rużarju'. Naturalment il-kuruna tar-Rużarju kienet titneħħa minn idejn il-Madonna u minn idejn il-Bambin u jitpoġġew bukketti ta' ward frisk, sabiħ u jfuħ. F'xi rħula, flok ward frisk kienu jagħmlu bukketti tal-fjuri artifiċjali tal-ganutell, li fil-fehma tiegħi għalkemm artistikament huma sbieħ ħafna, xejn m'hawn isbaħ minn dak naturali. Barra dan, l-istandardi, slaleb, lanterni, xemgħat u kull tagħmir ieħor użat mill-fratellanzi, kienu jiżżejnu b'bukketti ta' fjuri. Min japprezza n-natura u l-ġmiel tal-ward u l-fjuri żgur li kien diżappuntat li din il-festa flimkien mal-purċissjoni spiċċaw, aktar minn ħamsin sena ilu.

Eku ta' din l-purċissjoni rajtha fil-Gudja. Meta żort dan ir-raħal għall-festa tar-Rużarju nnotajt li f'idejn il-Madonna u f'idejn il-Bambin kien hemm żewġ bukketti artistiċi ta' ward tal-ganutell. F'din il-parroċċa kienet issir il-festa u l-purċissjoni tal-Madonna tal-Ward, u dawn il-bukketti huma tifkiriet ta' din il-festa li kif qaluli spiċċat f'dan ir-raħal aktar minn erbgħin sena ilu. Kienet toħroġ il-Madonna tar-Rużarju wkoll. Hi statwa tassew artistika u sabiħa u partikulari fl-istess ħin għax filwaqt li l-vari tista' tgħid kollha huma l-figura tal-Madonna bil-Bambin fuq dirgħajha, din il-vara hi minsuġa mix-xbieha sabiħa tal-Madonna li quddiemha hemm miexi l-Bambin, tfajjel imfarfar. Il-mixja tal-Bambin hi waħda tassew ħelwa, bla skossi u tant naturali.

Min jaf, forsi kieku l-ambjentalisti jerġgħu jagħtu l-ħajja lil din il-festa, għax tassew taqbel ma' l-ideat ambjentali u tnissel apprezzament u mħabba lejn il-pjanti tagħna u l-fjuri.

## Il-Festa tas-Salib Imqaddes

Il-Knisja Kattolika tiċċelebra żewġ festi f'ġieħ is-Salib Imqaddes. Waħda ssir fit-3 ta' Mejju u l-oħra fl-14 ta' Settembru. Dik ta' Mejju tfakkar is-sejba tas-Salib Imqaddes mill-Imperatriċi Sant'Elena, filwaqt li dik ta' Settembru hi l-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes. Iż-żewġ festi huma għeżież ħafna, biss dik ta' Mejju tidher li kienet aktar fil-qalb tal-poplu nisrani. Ħafna kienu jħarsu din il-festa daqs li kieku kienet waħda obbligatorja, jiġifieri bil-waqfien mix-xogħol u s-smiegħ tal-quddies. Il-festa kienet issir fil-ġurnata tagħha propja, u kien jiżżejjen l-artal tas-Salib. Barra t-tiżjin ta' l-artal prima klassi kien ukoll jintrama d-damask f'din il-kappella u l-lampier bi tliet friegħi barra din in-nofsanija.

Kienet issir l-purċissjoni bir-relikwa tas-Salib Imqaddes (*Vero Lignum*), u taħt il-baldakkin b'erba' lasti. Wara li tidħol il-purċissjoni kienet tingħata l-barka bil-fdalijiet tas-Salib Imqaddes mill-artal tas-Salib. Il-Knisja tħeġġeġ venerazzjoni kbira lejn ir-relikwi tas-Salib Imqaddes, bl-istess qima u venerazzjoni li tagħti lill-Ewkaristija. Hi x-xewqa qaddisa tal-Knisja li quddiem ir-relikwa tas-Salib imqaddes għandna nagħmlu ġenuflessjoni jew ninżlu għarkupptejna bħalma jsir quddiem l-Ewkaristija. Għall-istess raġuni r-relikwa tas-Salib Imqaddes toħroġ taħt il-baldakkin bħall-Ewkaristija Qaddisa.

Iċ-ċeebrazzjoni ta' din il-festa tidher li spiċċat minn Malta kollha, barra Birkirkara. Din il-festa hi tassew għażiża għall-Karkariżi. Dakinhar toħroġ il-purċissjoni bil-*Vero Lignum*, kif ukoll bil-vara ta' Sant'Elena Imperatriċi. Din il-qaddisa kienet organizzat pellegrinaġġ imperjali biex issib ir-relikwi marbuta mal-passjoni u l-mewt tas-Sidna Ġesù Kristu, li kien suċċess kbir għax instab is-salib.

Il-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes proċessjonalment għadha ssir fil-Belt biss, fil-knisja ta' Ġieżu mmexxija mill-Franġiskani minfejn toħroġ il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Din il-festa ssir filgħodu, Ħadd wara l-festa liturġika tagħha. Kienet issir ukoll proċessjonalment fil-knisja ta' Ġieżu fir-Rabat tal-Imdina mill-aħwa Franġiskani. Fiż-żewġ festi tas-Salib Imqaddes, kemm dik li ssir f'Birkirkara kif ukoll f'dik tal-Belt, jieħdu sehem il-Kavallieri tas-Santu Sepulkru li jagħtu dehra ferm sabiħa lil dawn il-purċissjonijiet.

## Il-Festa ta' *Corpus Christi*

Il-festa ta' *Corpus Christi*, jew kif inhi aktar magħrufa bħala l-festa ta' Santu Korp, għadha ssir b'solennità kbira wkoll. Illum bħala l-isem ta' din il-festa tbiddel xi daqsxejn u saret il-festa tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes tal-Mulej. Dari l-festa ta' Korpus Kristi kienet festa kkmandata u pubblika. Illum il-ġurnata din il-festa ssir Ħadd wara tal-Ħamis li fih kienet tkun iċċelebrata qabel.

Biss mal-mixja tas-snin il-festa ta' Korpus Kristi sarulha xi tibdil ukoll li prattikament huma tnejn. L-ewwel riforma titlob li l-qassisin konċelebranti biss għandhom joħorġu liebsin il-pjaneta waqt il-purċissjoni. Qabel ir-riforma, li naturalment ma kienx hemm il-prattika tal-konċelebrazzjoni, il-qassisin



Il-purċissjoni ta' 'Corpus Christi' fil-Mosta fl-2009 bil-Baldakkin il-prim. (ritratt: Mark Micallef)

kollha kienu jilbsu l-abiti sagri tal-quddiesa waqt il-purċissjoni speċjalment il-pjaneta. Meta reġgħet bdiet il-konċelebrazzjoni l-liturġija bdiet titlob li l-qassisin konċelebranti biss għandhom jikkumpanjaw bl-abiti sagri tal-quddiesa fil-purċissjoni ta' Korpus Kristi biex hekk tidher aktar l-għaqda li teżisti bejn il-quddiesa u l-ġilwa ta' Korpus Kristi.

It-tieni riforma kienet it-tneħħija tal-purċissjoni ta' filgħodu. Dari nhar il-festa ta' Korpus kienu jsiru żewġ purċissjonijiet – waħda filgħodu u oħra filgħaxija. Dik ta' filgħodu kienet titla' minn Triq Grognet waqt li dik ta' filgħaxija kienet titla' minn Triq il-Kbira, in-naħa tan-Naxxar, u ddur għal Sant'Anton. Illum issir purċissjoni waħda li sena tgħaddi min-naħa leminija tal-Mosta (int u tħares lejn il-knisja) u sena wara tgħaddi n-naħa xellugija tal-Mosta.



Fratelli jieħdu sehem f'purċissjoni fil-Mosta. Hawn jidher l-awtur innifsu bl-istandard tar-Rużarju fil-purċissjoni ta' 'Corpus Christi'.

Riforma oħra li neħħiet drawwa sabiħa tul il-purċissjoni ta' Korpus hi t-tneħħija tal-barkiet bis-Santissmu Sagrament tul il-purċissjonijiet. Kienet tingħata l-barka sagramentali meta l-purċissjoni kienet tasal ħdejn il-kappella ta' Sant'Anton Abbati, u oħra meta kienet tasal quddiem l-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Kienet użanza ferm sabiħa, għalkemm forsi seta' kien hemm repetizzjoni ta' barkiet.

Illum minflok il-purċissjoni ta' Korpus ta' filgħodu ssir il-festa tant sabiħa u kbira ta' l-ewwel tqarbina tat-tfal, almenu fil-parti l-kbira tal-parroċċi ta' Malta. Forsi hi ħasra li ntilfet purċissjoni iżda żgur li b'din ir-riforma l-festa ta' l-ewwel tqarbina tat-tfal ħadet dimensjoni ġdida u isbaħ b'sehem aktar attiv tal-ġenituri li jakkumpanjaw lill-uliedhom f'din il-festa kbira u memorabbli għat-tfal tagħna. Peress li filgħaxija t-tfal jikkumpanjaw fil-purċissjoni tal-festa ta' Korpus hemm għaqda shiħa bejn l-ewwel tqarbina u din il-festa kbira.

## Il-Festa tal-Madonna taċ-Ċintura

Il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura kienet issir fl-ewwel Ħadd ta' Settembru. L-artal taċ-Ċintura, li hu l-ewwel artal fuq ix-xellug int u dieħel fir-Rotunda, kien jintrama prima klassi bil-gandlieri tal-fidda u ventartal artistiku għall-aħħar. U xi ngħidu għal dawk il-fjuretti tal-ganutell. Il-kappella kienet tintrama bid-damask aħmar u l-lampier bi tliet frieghi barra l-mixgħela tan-nofs. Insomma kollox mill-aqwa kif inhu xieraq, anki l-istandard il-prim.

Filgħaxija nhar il-festa, wara l-għasar kienet issir quddiesa solenni kantata li fiha kienet issir il-priedka fuq il-Madonna taċ-Ċintura. Wara kienet toħroġ il-purċissjoni bir-relikwa tal-Madonna u bl-istatwa tal-Madonna. Kienet toħroġ l-istess vara tal-Madonna tar-Rużarju, imma flok il-kuruna tar-rużarju l-Madonna kienet iżżomm iċ-ċintura, u kien jingħad ir-Rużarju. Imma sena wara l-oħra bdiet dejjem tonqos iċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa. Għall-ewwel kienet issir festa bħalma kienet issir qabel, barra l-purċissjoni, jiġifieri kienu joħorġu l-istatwa fil-knisja u jarmaw il-kappella prima klassi. Imma kull sena kien dejjem jitnaqqar it-tiżjin sa ma llum m'għadu jintrama xejn ħlief sett fjuretti nhar il-festa ta' Santu Wistin li taħbat fit-28 t'Awwissu.

Naħsbu li il-mikbi Mons. Dun Salv Sammut kien l-aħħar rettur ta' din il-Fratellanza fil-parroċċa tagħna tal-Mosta.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna taċ-Ċintura hi devozzjoni Agostinjana li tfakkar dik id-dehra tal-Madonna tagħti l-ħżiem taċ-ċintura lil Santu Wistin. Ma ninsewx li r-rhieba Agostinjani jilbsu ċinglu mal-qadd tagħhom. Din il-festa għalhekk hi espressjoni ħajja tad-devozzjoni li l-patrijiet Agostinjani għandhom lejn il-Madonna u tissiġilla r-rabta bejn il-Madonna u l-Ordni ta' Santu Wistin.

Il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura għadha ssir sal-lum fil-knisja Agostinjana ta' San Mark fir-Rabat tal-Imdina fl-ewwel Ħadd ta' Settembru. Issir b'solennità kbira u tieħu sehem il-banda tul il-purċissjoni u jinħarqu wkoll il-murtali. Hi festa tassew ħelwa u sabiħa fis-sempliċità tagħha.

Il-festa u l-ġilwa tal-Madonna taċ-Ċintura ssir ukoll fil-Belt mill-patrijiet Agostinjani li jinsabu fi Triq l-Ifran. Issir fl-aħħar Ħadd ta' Settembru u l-knisja tintrama ferm sabiħ fejn wara l-quddiesa bil-priedka toħroġ il-purċissjoni bil-vara tal-Madonna taċ-Ċintura.



L-istandard il-prim tal-Madonna taċ-Ċintura li nsibu fil-Mosta.

Hi statwa tassew artistika u sabiħa.

Raħal ieħor li fih issir din il-festa hi l-parroċċa tal-Qrendi, fejn għadha toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju. Hi festa sekondarja. Il-vara hi tassew sabiħa bil-Bambin bil-wieqfa fuq sħaba kbira li tagħti tassew dehra unika ta' Ġesù Bambin. Il-Madonna bil-wieqfa fuq sħaba iżgħar tiddomina għalkemm mhux għal kollox fid-dehra tagħha.

Il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura ssir b'mod tassew solenni fil-parroċċa tal-Gudja. Hi kważi festa titulari u llum qed issir fl-aħħar Ħadd t'Ottubru biex tissiġilla l-għeluq ta' dan ix-xahar Marjan tar-Rużarju. Il-każin tal-Banda Marija Assunta torganizza l-festi ta' barra ta' din il-festa u torganizza l-ħruq tan-nar kemm tal-art kif ukoll tal-ajru kif ukoll marċijiet u programmi mużikali klassiċi.

Din il-festa kienet issir ukoll b'solennità kbira, kważi titulari, fil-parroċċa ta' Ħal Luqa. Il-festi ta' barra kienu jiġu organizzati mill-każin tal-Banda Unjoni, imlaqqam tal-Ajkla. Illum din il-festa spiċċat għal kollox.

## Il-Purċissjoni ta' San Paċifiku

San Paċifiku hu t-tieni patrun tal-parroċċa tal-Mosta, wara Santa Marija. Huwa wieħed mill-ħafna martri li tilfu ħajjithom fil-persekuzzjonijiet bikrija kontra l-Knisja ta' Kristu organizzati mill-imperaturi Rumani. Il-Knisja tgħożż il-memorja ta' dawn il-martri qaddisa li ma beżgħux jitilfu ħajjithom biex jagħtu xhiedha għal twemminhom.

Hekk insibu li l-Papa Benedittin Bonifazju IV li saltan fuq it-tron ta' Pietru bejn l- 608 u l-615 kiseb il-permess u l-approvazzjoni tal-Imperatur Foca biex jibdel il-famuż tempju pagan tal-Panteon għall-knisja kattolika li ddedikaha lil Santa Marija tal-Martri, li llum ninvokaw bħala Sultana tal-Martri. Dan il-Papa ġarr ħafna minn dawn il-fdalijiet tal-ewwel martri f'dan is-santwarju għall-qima tal-insara.

Barra dan, meta l-barbari ta' nazzjonijiet Tutoniċi jew kif nafuhom illum Tedeski, bdew jinvadu t-territorju Ruman u saħansitra fil-belt ta' Ruma nnifisha, bdiet issir profanazzjoni fil-katakombi qaddisa u anki lill-fdalijiet tal-ewwel martri tal-Knisja fi żmien l-Imperaturi Rumani. Din kienet umiljazzjoni kbira għall-Knisja Kattolika u għalhekk ħasbet ukoll biex tiġbor dawn il-fdalijiet qaddisa u bdiet tqegħdhom f'postijiet aktar żguri mhux biss biex tieqaf din il-profanazzjoni imma biex bil-maqlub tkattar din id-devozzjoni qaddisa.

Biss il-Knisja xtaqet li l-qima lejn il-martri m'għandiex tkun magħluqa biss bejn il-ħitan Rumani imma xtaqet li tgħaddi fil-knisja mad-dinja kollha. Għalhekk ħasbet biex il-fdalijiet ta' dawn il-qaddisin tqassamhom fil-knejjes lokali biex ikunu apprezzati mill-insara ta' kull post. U b'hekk tat identità lil dawn il-fdalijiet tal-martri rebbieħa billi tathom isem. Hekk *Pacificus* hu bniedem li jgħożż il-paċi.

Bħala it-tieni qaddis protettur tal-parroċċa tagħna kienet issir festa kbira u xierqa lil dan il-qaddis li l-fdalijiet tiegħu jinsabu fl-artal li hemm fil-kor tal-knisja taħt il-kwadru titulari tal-Assunta. Dan l-artal kien jiżżejjen prima klassi bi tnax-il gandlier u b'sett fjuretti tal-ganutell mill-ifjen. L-artal maġġur kien ukoll jintrama b'dinjità kbira.

Nhar il-festa ta' San Paċifiku kienet issir quddiesa solenni filgħodu bil-paniġierku fuq dan il-qaddis martri. Filgħaxija, wara l-għasar, kienet issir l-purċissjoni bir-relikwa tal-qaddis. Qatt ma kellna vara ta' dan il-qaddis, għalhekk l-ġilwa kienet issir bla statwa.

Minkejja dan xorta waħda kienet issir purċissjoni b'devozzjoni kbira kif jixraq il-kult lejn il-martri tal-Knisja. Fi żmien 'il bogħod kienu anki joħorġu l-istandardi l-primi tal-festa ta' Santa Marija.

Il-fdalijiet ta' San Paċifiku ġew Malta bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Salv Saver Bonnici fl-1783. Dun Salv Saver kien il-kappilllan li fi bit-tħabrik tiegħu kienet ikkonsagrata l-knisja parrokkjali l-qadima tal-Mosta. Fis-sagristija tan-naħa ta' l-artal tas-Salib hemm inkwadru li fih hemm ittra ndirizzata lill-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Mons. Labini, li tikkonferma l-awtentiċità ta' dawn il-fdalijiet li nġiebu mill-katakombi ta' Santa Prixxilla, flimkien ma' tazza bid-demm ta' dan il-martri.

Illum din il-festa tista' tgħid li spiċċat għal kollox. L-uniku tifkira li ssir ta' dan il-qaddis hi fit-30 ta' Ġunju li taħbat il-festa liturġika b'tifkira ta' l-Ewwel Martri tal-Knisja. Hekk il-festa ta' San Paċifiku ġiet magħquda ma' din il-festa. F'ċertu sens hi ħaġa pożittiva, peress



Il-korp qaddis ta' San Paċifiku li hemm taħt il-kwadru titulari tal-Assunta fil-Kor tar-Rotunda.

li San Paċifiku hu propju wieħed minn dawn il-martri bikrin tal-Knisja.

## Il-Purċissjoni tad-Duluri

Fil-kalendarju liturġiku tal-Knisja Kattolika, il-festa tad-Duluri taħbat fil-15 ta' Settembru. Għalhekk kienet issir kull tieni Ħadd ta' dan ix-xahar. F'din il-festa, il-Knisja tħares lejn id-Duluri tal-Madonna minn sens pożittiv għax fil-ħajja kull tbatija ġġib magħha l-glorifikazzjoni. It-tbatija ġġib r-rebħ bħalma t-tbatija ta' Kristu ġabet ir-rebħa fuq il-mewt. Għalhekk f'din il-festa l-Knisja tridna ninżlu fil-fond ta' dan il-misteru tat-tbatija waqt li niftakru fil-ferħ u fil-glorja li t-tbatija ġġib magħha. Anki fil-ħajja normali tagħna dan iseħħ. L-omm li twelled tarbija tifraħ bit-tbatija li tkun sofriet x'ħin tara ħlejqa ġdida fi ħdanha. Anki aħna lkoll tant nifirħu mit-tbatija li nkunu batejna meta nakkwistaw ir-rebħa. L-istudent ibierek it-tbatija li jkun għadda minnha meta jsib xogħol xieraq wara snin twal ta' studju. Mela t-tbatija fil-ħajja mhix għalxejn. It-tbatija għandha l-aspett pożittiv tagħha li tagħmilha xierqa u tajba. Hekk fil-ħajja spiritwali t-tbatija li nbatu spiritwalment għandha l-pożittiv tagħha għax permezz tat-tbatija u ċ-ċaħda rridu nakkwistaw il-premju tal-ġenna fejn ingawdu wiċċ imb'wiċċ lill-Mulej.

Imqanqlin minn dawn ir-riflessjonijiet qaddisa nħarsu biex naraw u napprezzaw kif kienet tkun iċċelebrata l-festa tad-Duluri mill-Fratellanza tagħha 'Tad-Duluri'. Għalkemm l-istandard tal-Fratellanza tad-Duluri jitpoġġa fil-kappella ta' San Bastjan (li hi l-ewwel kappella fuq il-lemin int u dieħel fir-Rotunda) il-kappella 'sede' ta' din il-Fratellanza hi l-kappella tas-Salib li tinsab fuq il-lemin. Għalhekk il-kappella li kienet tintrama f'jum il-festa b'pompa tassew kbira kienet il-kappella tas-Salib. Kien jintrama d-damask ta' din il-kappella u l-artal kien jintrama b'sett gandlieri partikulari li flimkien mal-ventartal kienu lewn id-deheb - l-uniku sett li għandna fil-knisja tal-Mosta ta' din l-għamla. Barra hekk il-kappella kienet tintrama b'sett fjuretti mill-isbaħ tal-ganutell fin tassew. It-terħa tal-artal kienet irrakmata bid-deheb fin.

Nhar il-festa filgħodu fis-7:00 kienet issir il-quddiesa fl-artal tas-Salib, fejn kienu jieħdu sehem il-fratelli tal-Fratellanza tad-Duluri. Aktar tard din il-quddiesa kienet issir fl-artal maġġur. Dan x'aktarx minħabba r-riformi Konċiljari li kienu bdew iseħħu. Għalhekk il-fratelli tad-Duluri kienu joqgħodu tul il-presbiterju jisimgħu u jsegwu din il-quddiesa tal-fratellanza.

Filgħaxija kien isir il-kant solenni tal-għasar. Qabel ir-riformi Konċiljari kien isir paniġierku fuq id-Duluri tal-Madonna. Wara r-riformi, bdiet issir il-quddiesa li fiha kienet issir priedka. Wara kienet toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna, fejn kien jingħad ir-Rużarju. Dak iż-żmien ma kienx hawn lawdspikers, għalhekk kien jingħad minn persuna liebes ta' fratell tad-duluri. Għandi l-unur ngħid li din il-persuna partikulari kien propju missieri Franġisku Mangion li kien igawdi vuċi tajba li tinstema' sewwa qalb in-nies li kienu jiffurmaw folla sabiħa ħafna speċjalment jekk tgħodd il-popolazzjoni tal-Mosta f'dak iż-żmien. Żgur li Franġisku bil-leħen sod tiegħu, leħen mimli ħeġġa ma kien iħalli lil ħadd jaljena rasu mill-meditazzjoni tal-misteri tar-Rużarju. Il-poplu miġbur kien tassew jingħaqad f'din it-talba qaddisa.

Il-fratellanza tad-Duluri kellha żewġ vari li kienu jintużaw fil-purċissjoni tal-festa tagħha. It-tnejn huma vari artistikament tassew sbieħ u devoti li jnisslu f'kulħadd ħniena imma fl-istess ħin dinjità. L-ewwel statwa li kellha l-fratellanza tad-Duluri hi xogħol fl-injam mastizz u allura tqila ħafna. Forsi wieħed jaħseb li t-toqol tagħha seta' kien fattur fid-deċiżjoni li tinbidel din l-istatwa. Il-wiċċ ta' din l-istatwa tad-Duluri qed iħares 'l isfel waqt li l-mantell tagħha mir-ras hu mdendel b'ċerta telqa. Il-wiċċ hu sabiħ tassew u d-dmugħ ħiereġ minn għajnejn il-Madonnna huma espressjoni tad-dieqa li sofriet biex imxiet wara l-ħajja ta' Ġesù u qasmet miegħu t-tbatijiet li sofra. L-espressjoni ta' din l-istatwa hi li d-duluri tal-Madonnna huma frott ta' riflessjoni profonda fuq il-misteru tat-tbatija. Minkejja s-swied il-qalb il-wiċċ tal-Madonna jgawdi dinjità kbira ta' omm irrassenjata li bi qlubija trid twettaq ir-rieda t'Alla.

Meta din il-vara ma baqgħetx tintuża mill-fratellanza tad-Duluri niżżluha fil-kennierja. Ma ngħidtx li kienet traskurata għax anki saħansitra kien hemm devozzjoni lejha. Fil-fatt kont tara xemgħat jixgħelu quddiema. Biss naħseb li kienet idea tassew tajba li ġietu Dun Anġ Camilleri li ħa din l-istatwa fil-kappella ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Irrestawraha billi żebagħha mill-ġdid u hekk reġgħet ħadet id-dinjità oriġinali tagħha li tant tixirqilha. Issa li l-kennierja hi magħluqa, żgur li hawnhekk titgawda aktar u żgur li żdiedet id-devozzjoni u l-ammirazzjoni artistika ta' din l-istatwa.

It-tieni vara tal-fratellanza tad-Duluri illum tinsab f'niċċa ħdejn l-antiporta, fuq in-naħa tax-xellug inti u dieħel fil-knisja tagħna. Hi xogħol artistiku fil-kartapesta. Il-wiċċ imnikket tal-Madonna qiegħed iħares 'il fuq donnha biex turina li kull tbatija fil-ħajja tagħna għandha tifsira salvifika biss jekk tingħaqad mat-tbatija li sofra binha Ġesù u li permezz tagħha fetaħ għalina l-bibien tal-ġenna.



L-istandard il-prim tal-Madonna tad-Duluri li nsibu fil-Parroċċa tal-Mosta.

L-għajnejn tal-Madonna huma miksurin bil-kif u thoss fihom kważi b'mod tanġibbli t-tbatija tad-duluri. Imma fl-istess ħin tinhass id-dinjità ta' dawk kollha li jgħaqqdu t-tama dejjiema fit-tbatija.

Illum il-festa tad-Duluri m'għadiex tkun iċċelebrata fil-parroċċa tagħna bħalma wkoll ġiet żarmata f'ħafna parroċċi oħra f'Malta, x'aktarx biex tagħti wisgħa għall-festa tal-Madonna Addolorata tal-Ġimgħa l-Kbira li hi jum ta' devozzjoni kbira fil-gżejjer Maltin. Forsi b'eċċezzjoni din is-sena, għax ħabat ir-raba' mitt sena tat-twaqqif tal-parroċċa tal-Mosta, anzi biex inkunu aktar eżatti l-għeluq ta' dawn il-festi li jfakkru din il-ġrajja, il-kappella tas-Salib kienet imżejna għal dawn il-festi. Naħseb li l-mibki Dun Anġ Dingli kien l-aħħar prokuratur ta' din il-Fratellanza tad-Duluri.

U din il-Fratellanza għandha sinifikat kbir għalija personali għaliex il-membri tal-familja kollha tagħna għal ħafna żmien kienu membri ta' din il-Fratellanza. Iz-ziju tiegħi Paċik Mangion flimkien ma' persuna mlaqqam Karmnu tal-Kbir li kien joqgħod il-Wata, jiġifieri Triq il-Kbira (in-naħa tar-Rabat) qatt ma kien ifalli l-ħruġ ta' l-istandard fil-purċissjonijiet kollha. Missieri Franġisku dam jorganizza għal snin twal din il-Fratellanza. Ħuti s-subien u jien domna għal ħafna snin membri ta' din il-Fratellanza. Issa minn ħuti fadal jien biss hawn Malta. Għalkemm ma bqajtx membru tal-Fratellanza tad-Duluri, xorta waħda nieħu sehem fil-Fratellanza tar-Rużarju. Dan għamiltu għax hekk talabni l-bżonn meta għal żmien twil ma kien hemm ħadd membru fil-Fratellanza tar-Rużarju.

## Il-musmar il-ġdid jaqla' lill-qadim

Hekk ġara li anki fejn jidħlu purċissjonijiet mietu whud waqt li twieldu oħrajn ġodda. Għalkemm mhux l-għan ta' dan l-artiklu li nidħlu fid-dettal ta' dawn il-ġilwijiet ġodda tajjeb li nsemmuhom f'dan il-kuntest ta' kitba.

Insemmu l-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt. Kienet ħaġa ferm sabiħa li tkun stabbilita din il-ġilwa għax il-festa ta' Kristu Rxoxt hi l-ikbar u l-aqwa festa fil-kalendarju liturġiku tal-Knisja Kattolika. Qabel din il-purċissjoni kienet toħroġ mill-Oratorju Qalb ta' Ġesù u l-prokuratur tagħha kien il-ħabrieki Dun Anġ Camilleri. Biss wara ftit snin bdiet tinħass ix-xewqa li naħseb hi ġustifikata u xierqa li din il-festa tibda toħroġ mill-Knisja Arċipretali. Għalhekk il-permess tal-Kurja naħseb li kienet milqugħa b'ferħ kbir minn kulħadd. Minn dakinhar il-prokura ta' din il-purċissjoni ngħaqdet ma' dik tal-Ġimgħa l-Kbira. Nagħmluha ċara li ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naħa ta' Dun Anġ Camilleri.

Anzi, jisthoqqlu l-akbar tifħir u apprezzament li rnexxielu jifforma din il-purċissjoni mix-xejn. Meta tibda mix-xejn hu tassew diffiċli u hemm bżonn li jkun apprezzat aktar. Biss fl-opinjoni tiegħi hi ħaġa ta' min ifaħħarha li l-purċissjoni ta' l-akbar festa tal-Knisja toħroġ mill-Parroċċa.

Tajjeb insemmu ż-żewġ purċissjonijiet devoti ħafna tul ir-Randan. Dik ta' Kristu Redentur, jiġifieri Ġesù jġorr is-salib u dik tad-Duluri magħrufa bħala l-Pietà. Huma żewġ purċissjonijiet li taw dimensjoni aktar wiesa' lill-festi tal-Ġimgħa l-Kbira, li żżejnet ħafna b'dawn il-purċissjonijiet penitenzjali fir-Randan u fil-fehma tiegħi tassew jixirqu.

Ta' min ifaħħar ukoll l-inizjattiva ġdida tal-festa li ssir fil-Bidnija, li hi parti mill-parroċċa tal-Mosta. Il-knisja tal-Bidnija hi ddedikata lis-Sagra Familja u l-festa ssir f'Lulju. Biss niftakar sewwa li l-ewwel attentat biex issir purċissjoni fil-Bidnija kien sar minn Mons. Bartilmew Bezzina u kienet purċissjoni bis-Santissimu Sagrament li allura x'aktarx li kienet purċissjoni f'ġieħ il-Qalb ta' Ġesù.

Jien kont ħadt sehem f'din il-purċissjoni u allura kont tifel imfarfar ta' xi tlettax-il sena. Dan qed ngħid xi ħamsa u erbgħin sena ilu. Biss il-memorja ta' din il-ġrajja għadha friska f'moħħi. Niftakar għabbejna l-apparat tal-purċissjoni u tlaqna bix-xarabank lejn il-Bidnija għal din il-festa partikulari. Saret quddiesa u wara purċissjoni li għaddiet minn qalb l-irziezet tal-kampanja tal-Bidnija. Dakinhar stħajjilt lill-Mulej ibierek lill-bdiewa tagħna kif ukoll ibierek il-kampanja u r-raba' tagħna mimli frott bnin.

Kienet idea tassew ta' min ifaħħarha. Jidher li din il-purċissjoni ma baqgħetx issir u minflok bdiet tkun organizzata l-festa tas-Sagra Familja li hi t-titular ta' dan il-villaġġ. Għalkemm hi festa pjuttost żgħira imma għandha l-ingredjenti kollha ta' festa kbira u n-nies tal-Bidnija huma kburin ħafna biha wkoll. Għala le? Fl-aħħar mill-aħħar kull suċċess fil-ħajja mhux fejn tasal u tirnexxi imma kemm huwa kbir l-isforz u l-enerġija li wieħed jinvesti fil-proġett.

Nixtieq nagħlaq dan l-artiklu b'kelma ta' ħeġġa biex il-purċissjonijiet jerġgħu jibdew igawdu dik l-istima partikulari mill-poplu Mosti. Kemm hi ħaġa sabiħa li nipparteċipaw u nieħdu sehem f'dawn il-purċissjonijiet li huma xhieda tal-fidi tagħna fil-ħajja spiritwali. Illum aktar minn qatt qabel qed isiru popolari ħafna l-marċijiet tal-protesta għax kulħadd jemmen li dawn il-marċijiet jew kif x'uħud isejħulhom protesti, huma għajta li tinstema'.

Hekk ukoll il-purċissjonijiet huma għajta siekta li tinstema' u li tagħti messaġġ dwar il-fidi tagħna fi Kristu, fil-Madonna u fil-qaddisin. Ejjew nerġgħu napprezzawhom. Ejjew inkomplu nżidu s-sehem tagħna fihom.